*- KREDITU –*

*- APPREZZAMENT TA' PROVI -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 30 ta' Mejju 2002**

**Kawza Numru: 10**
**Citazzjoni Numru: 1674/00/RCP**

**George Parnis u martu Maryrose Parnis**

**vs**

**G & L Manufacturing Ltd**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attur George Parnis, bhala bejjiegh u cjoe' *'salesman'*, biegh u kkonsenja lis-socjeta' konvenuta merkanzija fil-valur u fl-ammont ta elfejn, sitt mija u tmienja u disghin lira

Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm2,698.85) liema merkanzija ghandha ma thallsitx sal-lum;

Illi l-attur George Parnis diga' talab lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas f'diversi okkazjonijiet differenti u s-socjeta' konvenuta dejjem intrabtet li thallas, izda l-ebda pagament ma sehh u ghalhekk kellha ssir dil-kawza;

Illi hemm dovut ukoll l-imghax skond il-ligi fl-ammont ta' disa' mija u hames liri Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm905.35) u cjoe' mid-data tat-transazzjoni sa' l-ewwel (1) ta' Awissu tas-sena elfejn, bhalma jirrizulta mill-prospett hawn anness u mmarkat bhala Dokument 'G.P. 1'.

Illi l-istess atturi talbu li ghalhekk is-socjeta` konvenuta, tghid il-ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara lis-socjeta' konvenuta debitrici ta' l-atturi fis-somma ta elfejn, sitt mija u tmienja u disghin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm2,698.85)

2. Tiddikjara lis-socjeta` konvenuta debitrici ta' l-attrici f'somma ohra fl-ammont ta' disa' mija u hames liri Maltin u tletin centezmu (Lm905.35);

3. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-atturi l-ammonti ta elfejn, sitt mija u tmienja u disghin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm2,698.85) u ta disa' mija u hames liri Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm905.35).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri gudizzjarji, kif ukoll dawk tal-Mandat ta Sekwestru prezentata kontestwalment fl-ismijiet premessi, (ipprezentat kontestwalment ma dan ir-rikors) , flimkien ma' l-imghax relattiv sa' l-effettiv pagament, kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa tinsab ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 34 tal-process;

Rat il-verbali tad-9 ta' Novembru 2000, tas-16 ta' Jannar 2001 u tal-15 ta' Frar 2001.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta fejn gie eccepit:

1. Illi preliminarjament id-ditta konvenuta eccipjenti ma jisimhiex kif imharrka, u l-atturi ghandhom jiddikjaraw lil min qed jharrku.

2. Illi l-atturi qabel xejn, u jekk inhu l-kaz ghandhom jipprezentaw lid-ditta konvenuta kont relattiv dettaljat tal-pretensjoni taghhom u jippruvaw l-ezistenza tal-istess.

3. Illi l-esponenti ditta konvenuta ma hijiex qed topera u tinsab fi stat ta' nuqqas ta' likwidita` li tista' tfisser stat fallimentari.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tas-socjeta` konvenuta.

Rat il-verbal tad-29 ta' Marzu 2001 fejn Dr Bonello talbet korrezzjoni fis-sens li jsem is-socjeta` konvenuta jinbidel ghal "G. & L. Manufacturing Ltd". Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat li jsiru l-bidliet kif mitluba. Dr Abela laqa' l-atti kif mibdula u f'isem is-socjeta` konvenuta rrinunzja ghal kull terminu. Dr Bonello talbet zmien biex tirregola ruhha dwar it-tielet eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta. Il-kawza giet differita ghall-informazzjoni ulterjuri ghas-17 ta' Mejju 2001.

Rat il-verbal tas-17 ta' Mejju 2001 fejn b'referenza ghall-verbal tad-29 ta' Marzu 2001 Dr Bonello gharfet lill-Qorti li mir-ricerka li ghamlet ma jirrizultax li s-socjeta` konvenuta hija xolta, u ghalhekk il-kawza giet differita ghall-provi ghas-7 ta' Novembru 2001.

Rat il-verbal tas-7 ta' Novembru 2001 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta, xehed George Parnis u Dr Malcolm Mifsud iddikjara li m'ghandux provi aktar. Inghata digriet tal-affidavit tal-konvenut.

Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta tas-7 ta' Dicembru 2001 fejn gew esebiti xi affidavits (fol 62 sa 65).

Rat il-verbali tal-11 ta' Dicembru 2001 fejn xehdu George Parnis u George Spiteri u tat-13 ta' Frar 2002 fejn peress li ma ngabu ebda provi ghal din is-seduta l-provi tal-partijiet gew dikjarati maghluqa u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Mejju 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza tittratta dwar pretensjoni *da parte* tal-atturi fejn qed jallegaw li huma kredituri tas-socjeta' konvenuta fl-ammont ta' Lm2,698.85 rappresentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata minnhom lis-socjeta' konvenuta, *oltre* l-imghax ta' tmienja fil-mija (8%) kkalkulat skond kif jirrizulta minn Dok. "GP1" anness mac-citazzjoni attrici.

Illi s-socjeta' konvenuta, apparti l-eccezzjoni dwar il-korrezzjoni tal-isem, li giet rimedjata b'digriet ta' din il-Qorti datat 29 ta' Marzu 2001, in verita' ma pprezentatx difiza fil-mertu, hlief li ddikjarat li l-istess atturi ghandhom jippruvaw il-kreditu taghhom, u wkoll li l-istess socjeta' konvenuta tinsab fi stat ta' falliment, izda bl-ebda mod ma gie indikat li l-istess socjeta' konvenuta ma ghadhiex tezisti, *stante* li mir-ricerka li saret mill-atturi jirrizulta li l-istess socjeta' konvenuta ma gietx xolta.

Illi l-pretensjoni attrici rigwardanti l-kreditu minnha pretiz tirrizulta ppruvata mill-*invoices* esebiti mac-citazzjoni attrici bhala Dok. “GP2” sa Dok. “GP29” minn fol. 6 sa 34 tal-process, liema *invoices* jinsabu ffirmati minn rappresentanti tal-istess socjeta’ konvenuta li kienu jiehdu ix-xoghol.

Illi dawn l-*invoices* gew ukoll kkonfermati mill-attur **George Parnis** fis-seduta tas-7 ta’ Novembru 2001 li spjega li dawn kienu jirreferu ghall-accessorji tal-aluminium, u li l-ammonti qatt ma gew ikkontestati lanqas minn George Spiteri u Lino Birncau li kienu jirrapprezentaw lill-istess kumpanija konvenuta. Spjega li l-imghax ikkalkulah wara it-30 gurnata minn kull konsenja sad-data li nfethet il-kawza u minn dak in-nhar ma saru ebda pagamenti akkont.

Illi dan ma gie kkontestat bl-ebda mod minn George Spiteri u Lino Brincau li pprezentaw l-affidavits taghhom datati 7 ta’ Dicembru 2001, minn fejn jirrizulta li huma qalu car u tond li kellhom diversi kuntatti mal-attur fuq xoghol ghalkemm ma kienux jafu jghidu ezatt l-ammont li kien baqa’ dovut; pero’ sostnew li minhabba li l-kumpanija kienet dahlet f’diffikultajiet finanzjarji huma talbu lill-attur sabiex jiehu lura ix-xoghol li ma giex uzat minnhom, u minflok l-attur ghamel din il-kawza.

Illi ghalhekk mill-istess affidavits fl-opinjoni ta’ din il-Qorti jirrizulta li l-istess xhieda qed jikkonfermaw ir-relazzjoni li huma bhala rappresentanti tas-socjeta’ konvenuta kellhom mal-istess attur, u ma jidher li bl-ebda mod ma gabu prova

sabiex jikkontestaw l-ammonti mitluba, anzi jidher car li ma humiex f'posizzjoni li jikkontrastaw l-azzjoni attrici anke ghaliex ma jidher li zammu ebda *records* dwar l-istess.

Illi dwar l-allegat hlas akkont tas-somma ta' Lm200 fil-15 ta' Frar 2000 skond kopja ta' ricevuta li tinsab esebita a fol. 67 tal-process, din tirrizulta li giet inkluza fil-konteggi prezentati mill-atturi f'Dok. "GP 1" u allura lanqas jidher li hemm kontestazzjoni dwar dan il-pagament, tant li dan gie debitament akkreditat favur is-socjeta' konvenuta biex hareg il-bilanc mitlub fic-citazzjoni odjerna.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess ma hemm l-ebda dubju kwalunkwe li l-allegazzjoni attrici gew ilkoll ippruvati sodisfacentement u fil-grad li trid il-ligi, u in verita' s-socjeta' konvenuta bl-ebda mod ma gabet difiza serja ghat-talbiet attrici, u ghalhekk l-istess talbiet attrici kif proposti ghandhom jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-istess socjeta' konvenuta *stante* li huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara lis-socjeta' konvenuta debitrici ta' l-atturi fis-somma ta elfejn, sitt mija u tmienja u disghin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm2,698.85)

2. Tiddikjara lis-socjeta` konvenuta debitrici ta' l-attrici f'somma ohra fl-ammont ta' disa' mija u hames liri Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm905.35) rappresentanti imghax ikkalkulat skond Dok. "GP1" sal-1 ta' Awissu 2000;

3. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-atturi l-ammonti ta elfejn sitt mija u tmienja u disghin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm2,698.85) u ta' disa' mija u hames liri Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm905.35) ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri gudizzjarji, kif ukoll dawk tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwalment mac-citazzjoni attrici fl-ismijiet premessi, flimkien ma l-imghax ulterjuri fuq is-somma ta' Lm2,698.85 mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni attrici fid-9 ta' Awissu 2000 sa' l-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**30 ta' Mejju 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**30 ta' Mejju 2002**